MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 757/1997/1

**Rita Attard**

**vs**

**Raymond Chircop**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fit-12 t'Ottubru 1978 (Dok "A").

Illi l-kunsens tal-kontendenti kien moghti b'biza' peress illi l-attrici kienet tqila qabel iz-zwieg u gie moghti wkoll minhabba koerzjoni morali da parti tal-genituri tal-kontendenti.

Illi konsegwentement iz-zwieg ta’ bejn il-kontendenti jista’ jigi dikjarat null *ai fini* ta’ **artikolu 19 (1) (a) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Illi fil-mument taz-zwieg l-attrici kellha biss sbatax-il sena (17) u l-konvenut kellu biss ghoxrin (20) u ma kienux japprezzaw ezattament xi jfisser zwieg tant li kien hemm difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja matrimonjali u ghalhekk dan iz-zwieg jista’ jigi dikjarat null *ai fini* ta’ l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-12 t’Ottubru 1978 huwa null u bla effett *ai* finijiet kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez u l-imghax u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat il-verbal tad-9 ta’ Frar 1999 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Audrey Demicoli bhala Perit Legali.

Rat in-nota tal-attrici datata 15 ta’ Marzu 1999 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha stess.

Rat il-verbali tas-seduti tat-28 ta’ Mejju 1999 u tad-29 t’Ottubru 1999.

Rat in-nota tal-attrici tad-19 ta’ Novembru 1999 li permezz taghha esebiet l-affidavit ta’ Mary Attard.

Rat il-verbali tas-seduti tal-5 t’April 2000; tat-23 ta’ Mejju 2000 fejn l-attrici ddikjarat li ghalqet il-provi taghha, u in vista tal-istat ta’ kontumacja tal-konvenut il-Qorti awtorizzat lill-Perit Legali biex tirrelata fuq il-provi migbura;

tad-9 t'Ottubru 2000; tal-24 ta' Novembru 2000; tat-13 ta' Gunju 2001; tad-19 ta' Novembru 2001; tal-10 t'April 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; tat-2 t'Ottubru 2002 fejn il-Perit Legali nfurmat il-Qorti li pprezentat ir-rapport. Dr. David Camilleri ghall-attrici rrimetta ruhu ghar-rapport; tat-30 t'Ottubru 2002; tal-10 ta' Dicembru 2002 fejn il-Perit Legali halfet ir-rapport u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum 2 t'Ottubru 2003.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali u s-seduti minnha mizmuma, ix-xhieda hemm moghtija u d-dokumenti hemm esebiti.

Rat li minkejja li gie debitament notifikat bic-citazzjoni attrici l-konvenut baqa' ma pprezenta l-ebda nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqa' kontumaci.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### <u>(i) PROVI PRODOTTI.</u>

Illi **l-attrici** xehdet bil-procedura tal-affidavit u spjegat li hija saret taf lill-konvenut meta hija kellha (15) hmistax-il sena u huwa kellu (18) tmintax-il sena. Huma bdew johorgu flimkien izjed bhala hbieb u ma kellhomx l-icken intenzjoni li jizzewgu. L-attrici kienet ghadha tmur l-iskola meta saret taf lill-konvenut u hija tghid li huma ma kienux jiltaqghu kuljum, u li meta kienu jiltaqghu kienu jaghmlu hekk ghal saghtejn biss peress li hija kienet tidhol id-dar kmieni. Wara seba' xhur l-attrici kienet introduciet il-konvenut lill-genituri taghha u ftit wara ltaqghet mal-genituri tieghu. Wara sitt xhur l-attrici harget tqila izda hija ndunat li kienet tqila meta diga' kellha tliet xhur tqala. Ftit qabel ma skopriet li kienet tqila l-konvenut kien hallielha ittra d-dar taghha fejn qalilha li ma riedx jibqa' maghha, izda wara gimgha baghat ghaliha u regghu bdew jiffrekwentaw lil xulxin. Malli l-genituri tal-partijiet skoprew

li l-attrici harget tqila, il-familja tal-konvenut kienu rrabjati hafna ghall-konvenut ghaliex kien tebbaghlhom l-unur tal-familja u sabiex jostru dan l-izball ghamlu minn kollox biex il-kontendenti jizzewgu. Il-genituri tal-attrici wkoll ezercitaw pressjoni kbira f'dan is-sens – *"Nghid illi l-pressjoni li kelli fuqi sabiex nizzewweg kienet wahda fenomenali",* tghid l-attrici. Il-familjari taz-zewg partijiet bdew jaghmlu l-preparamenti sabiex isibulhom fejn joqoghdu u hadu hsieb il-preparamenti mal-Knisja u dan minghajr ma nvolvew lill-partijiet bl-ebda mod*. "Nghid li jiena ma kontx naf x'qed jigri u kont qed nibza' hafna minn missieri jekk ma nizzewwigx. Ghalhekk ghalaqt ghajnejja u hallejt ruhi miexja mal-kurrent".*

Illi l-attrici tispjega li wara z-zwieg l-affarijiet bdew sejrin hazin hafna, fis-sens illi hija skopriet li l-konvenut kien qed jigdbilha dwar il-qliegh tieghu u dwar fejn kien qed imur wara x-xoghol. L-attrici skopriet li huwa kien qed johrog wara x-xoghol u kompla jghix il-hajja ta' guvni. L-attrici saret taf ukoll li l-konvenut kien jibqa' hiereg wara li jwassalha d-dar fil-perijodu qabel ma zzewgu. Il-konvenut ma wera ebda nteress fit-tifel li twieled tliet xhur wara z-zwieg. L-attrici tispjega li hija u l-konvenut kienu kostantement jiggieldu u tghid ukoll li wara ftit il-konvenut waqaf jahdem u kienu jghixu fuq ir-*relief*. Il-konvenut kien ghazzien u ma riedx jahdem. L-attrici tghid li hafna drabi kien ikollha tmur ghall-ikel ghand ommha ghaliex ma kienx ikollha flus sabiex tixtri l-ikel ghaliha u ghat-tifel. Il-konvenut kien igieghel lill-attrici titlob il-flus lil ommha u mbaghad kien jehodomlha. Hija tghid li huma qatt ma hargu flimkien bhala familja u li hija kienet tkun dejjem wehidha mat-tifel. L-affarijiet komplew sejrin hazin sakemm il-partijiet isseparaw fl-1997.

Illi **Mary Attard**, omm l-attrici wkoll xehdet permezz ta' affidavit u kkonfermat li l-attrici bdiet tohrog mal-konvenut meta kellha biss (15) hmistax-il sena u kienet ghadha tifla tal-iskola u mohh ir-rih*. "Meta kellha (17) sbatax-il sena binti harget tqila. Jiena kont sorpriza hafna peress li sa fejn naf jien hi u Raymond kienu qed johorgu flimkien bhala hbieb. Zgur li ma kellhom l-ebda ntenzjoni ta' zwieg".*

Illi din ix-xhud tghid li hija kienet fi stat ta' paniku meta saret taf li bintha kienet harget tqila u li zewgha tant irrabja li ghamel zmien ma jkellimx lill-attrici. *"Ahna konna ghamilna minn kollox sabiex nipperswaduha tizzewweg. Fil-fatt konna hadna r-riedni f'idejna biex ghamilna l-preparamenti kollha ghat-tieg".* Din ix-xhud tghid ukoll li bintha u l-konvenut ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-preparamenti ghat-tieg. *"Ghamilna kollox ahna u binti obdiet billi qadet ghax-xewqa taghna. Niftakar partikolarment li f'dan il-perjodu binti kienet imwerwra minn missierha peress li hu kien izommilha hafna".*

Illi omm l-attrici tispjega li dak iz-zmien il-kontendenti kienu zghar wisq biex japprezzaw ghal x'hiex kienu dehlin u kien ghal din ir-raguni li hi u zewgha hadu r-riedni f'idejhom. Wara z-zwieg mill-ewwel beda l-inkwiet u din ix-xhud tghid li wara li beda l-inkwiet *"iddispjacini li kont ghamilt daqshekk biex ingieghlhom jizzewgu".*

**(ii) <u>KONSIDERAZZJONIJIET U KONKLUZJONIJIET.</u>**

Illi l-attrici talbet li z-zwieg taghha mal-konvenut jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* tas-**sub-incizi (a) u (d) tal-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi **l-artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255** jghid:-

***19 (1)*** *"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

***(a)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza sew fizika sew morali, jew biza'";*

Illi din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gja` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (Cit. Nru. 1019/98/RCP deciza fid-9 ta' Marzu, 2000) diga' kellha okkazjoni tistudja dan is-sub-artikolu ghal dak l-aktar li jirrigwarda biza'.

Illi kif inghad fil-kaz **“Carmelo sive Charles Saliba vs Mary Saliba”** ( P.A. (VDG) deciza fl-14 ta’ Awissu 1995):-

*“… … biex pressjoni ndipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra, tista’ tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta ghal vjolenza morali jew biza’ esterna ta’ natura rresistibbli, cjoe` trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta’ dak il-kunsens.”*

Illi *inoltre* fis-sentenza **“Anna Magro apparentement mizzewga lil Victor Rizzo vs Victor Rizzo”** (P.A. (SBC) deciza fit-13 ta’ Marzu 1984) saret espozizzjoni tal-kuncett ta’ vjolenza u biza’ f’din il-materja. L-espert f’dik il-kawza jsostni li sabiex vjolenza morali twassal ghal effett li jinvalida:

*“trid tkun (i) ingusta, (ii) gravi, u (iii) determinanti”.*

Illi wkoll, fil-kaz **“Anthony Gatt vs Doreen Gatt”** (P.A. (FD) deciza fil-25 ta’ Gunju, 1993), l-espert tal-Qorti fisser li:-

*“… il-vjolenza morali trid tkun ta’ natura tali li tkun invincibbli u ma taghti ebda possibbilta` lil min ikun li jisfuggi minnha”.*

Illi l-biza’ tista’ tkun ukoll “*reverenzjali”* bhal per ezempju l-biza’ lejn genitur jew superjur. Fil-kaz **“Shirley Anne mart Abdul Fatah xebba Perry vs Dr. A. Mifsud et”** (P.A. - 22 ta’ Novembru1982) il-Qorti spjegat:-

*“Il-biza’ ta’ nies li huma superjuri jew il-genituri tista’ f’certi kazi tkun tali li taffetwa l-kunsens. B’dan mhux qed jigi ntiz, biza’ fis-sens ta’ suggizzjoni esagerata, imma trid tkun gravissima u ta’ certa entita`. L-indinjazzjoni tal-genituri kbira kemm tkun kbira ma ghandhiex tigi konsiderata bhala gravi. Il-biza’ li wiehed jitkecca mid-dar jew li jitlef xi wirt, jew li jsofri xi danni finanzjarji mhux bizzejjed. Izda jekk ikun hemm theddid, glied spiss, u minacci serji u gravi, dawn jistghu jaffetwaw il-persuni b’biza’ li taqa’ taht l-***artikolu 19 (a)***.”*

Illi fl-ahharnett l-attrici ssostni illi l-kunsens tal-konvenuta kien null abbazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (d)** li jghid:-

*“**(d)** jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg*”.

Illi dwar dan is-subartikolu din il-Qorti kif presjeduta diga’ kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza **“Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg”** (Cit Nru 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta’ Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **“Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella-Flores et noe”** (Cit Nru 2443/97/RCP – deciza fit-18 ta’ Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozizzjoni ta’ ***Viladrich*:-**

*“Thus, there is grave lack [of discretion of judgement] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" (***Viladrich, P.J.,*** **Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated** (Montreal, 1993), p. 686).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew

ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics"* (***Viladrich, P.J.,*** *op.cit.,* p. 687).

Illi din il-Qorti sejra tibda sabiex tikkonsidra l-azzjoni attrici abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d)** u hawn il-Qorti ma taqbilx ma' dak li kkonkludiet il-perit legali fuq dan is-sub-artikolu ghaliex il-provi kollha prodotti f'din il-kawza juru b'mod mill-aktar palez li l-unika raguni li l-istess partijiet izzewgu kienet biss ghaliex l-attrici nqabdet tqila u ghalxejn izjed u fil-fatt l-attrici tant kienet immatura u wkoll mahsuda b'dan l-avveniment, kif ukoll kien il-konvenut, li z-zewg partijiet ma kellhomx l-ghazla libera li jiddeciedu dwar il-pass taz-zwieg, anke minhabba l-pressjoni mill-genituri tal-istess partijiet partikolarment mill-genituri tal-attrici, li jidher li l-attrici u sa certu punt il-konvenut lanqas biss ippruvaw jirrezistu, anke ghaliex jidher li kienu mbezzghin kemm fis-sitwazzjoni li gabu lilhom infushom fiha minhabba l-immaturita' taghhom, anke sforz l-eta' taghhom, u kemm bir-reazzjoni tal-genituri tal-attrici li hadu kollox f'idejhom u bla ebda konsultazzjoni ta' xejn mal-partijiet fil-kawza, litteralment irrangaw iz-zwieg ta' binthom huma, halli *"unurhom jigi b'hekk salvagwardjat",* bla ebda relevanza ghax-xewqat tal-kontendenti.

Illi jigi rilevat li meta zzewget l-attrici kellha biss *circa* (17) sbatax-il sena, u hija kienet harget tqila meta kienet ghadha kemm harget mill-iskola, u ghalhekk wiehed facilment jifhem l-inkwiet li hassew iz-zewg partijiet li sabu ruhhom f'dan l-istat. Ghalhekk jidher li l-attrici halliet lil

ommha tirranga kollox hija, u accettat li tizzewweg lill-konvenut *nonostante* l-fatt li hija ma kenitx thobbu tant li kieku mhux ghat-tqala certament ma kenitx tizzewgu. Dan l-genturi tal-partijiet kienu jafuh kollu kemm huwa imma xorta wahda mponew id-decizjoni taghhom fuq l-attrici u l-konvenut.

Illi l-konvenut min-naha tieghu kien jinsab fl-istess pozizzjoni u certament gie wkoll sfurzat sabiex jiehu din id-decizjoni, ghaliex ftit qabel ma giet skoperta l-istess tqala kien diga' ddecieda li jaqta' mill-hrug mal-attrici, ahseb u ara kemm kien dispost li jizzewweg lill-attrici kieku ma kenitx ghall-istess tqala u l-pressjoni li saret ukoll fuqu mill-genituri tal-partijiet. Jidher li l-kontendenti fil-fatt cedew kull inizjattiva f'din id-decizjoni li kienet tispetta fuq kollox lilhom, u minflok hallew lill-genituri taghhom jaqtghu xewqithom u huma jizzewgu ghalkemm fil-fatt lanqas biss kienu jhobbu lil xulxin. Hawn hija fil-fatt id-difett ta' diskrezzjoni fil-kunsens tal-partijiet *stante* li huma lanqas biss irreagixxew ghal dak li kien qed issir mill-genturi taghhom u ghas-sitwazzjoni tat-tqala, izda hallew imur kollox mar-rih, biex dahlu f'dak li kien zwieg fazul kontra x-xewqa taghhom, u dan biss ghal ghajn in-nies.

Illi ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li dan iz-zwieg ghandu jigi annullat abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** ghaliex abbazi tal-provi prodotti jidher bla ebda dubju kwalunkwe li l-istess partijet dahlu ghal dan iz-zwieg biss u ghar-raguni li l-attrici nqabdet tqila qabel iz-zwieg, u sforz is-sitwazzjoni li sabu ruhhom fiha dakinhar, bla ebda hsieb ta' xejn, hlief li jaghtu aditu ghax-xewqa tal-genituri rispettivi taghhom, u cjoe li *"jsalvaw l-unur taghhom",* aktar minn dak li l-minuri jigi legittimat biz-zwieg. Huma ghamlu dan il-pass, proprju f'mument meta lanqas kellhom id-diskrezzjoni necessarja sabiex jaghmlu dan il-pass, u l-mod kif dan sar, bla ebda preparamenti min-naha taghhom la ghall-avveniment innifsu u wisq izjed ghall-hajja konjugali, jikkonfermaw ampjament dan.

Illi din il-Qorti kellha diversi drabi okkazjoni sabiex tidhol fid-dettal fl-**artikoli 19 (1) (d)** li huwa l-mertu tal-kawza odjerna. Illi a skans ta' ripetizzjoni tirreferi ghas-sentenzi **"Ahmed Al Halel vs Karen Portelli"** (P.A. (RCP) 1 ta' Ottubru 2002 – Citaz. Numru: 134/00/RCP); **"Martin Farrugia vs Antionette Farrugia"** (P.A. (RCP) 12 ta' Dicembru 2002); **"Catherine Micallef vs Joseph Muscat"** (P.A. (RCP) 12 ta' Dicembru 2002); **"Louise Vella vs Louis Vella"** (P.A. (RCP) 27 ta' Novembru 2002); u **"Isabelle Muscat vs James Muscat"** (P.A. (RCP) 30 ta' Jannar 2003, u ghal sentenzi ohra fuq citati w abbazi tal-istess gurisprudenza w awturi hemm ikkwotati tasal ghall-konkluzjoni li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti kien vizzjat wkoll *ai termini* ta' l-**artikoli 19(1) (d)** minhabba ragunijiet imputabbli liz-zewg nahat.

Illi l-Qorti min-naha l-ohra taqbel mal-perit legali f'dak li hija esponiet fir-rigward tal-**artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255** anke jekk jidhrilha li l-provi mressqa mill-attrici huma pjuttost skarsi, izda wiehed xorta jista' fuq bilanc ta' probabbilta' jasal ghall-konkluzjoni li l-kunsens tal-attrici nkiseb bi vjolanza morali jew biza'.

Illi kif gja' fuq inghad dan il-*capus nullitatis* gie ezaminat diversi drabi mill-Qrati taghna. Fid-decizjonijiet li nghataw fil-kawzi fl-ismijiet **"John sive Ivan Sammut vs Michelle Sammut"** P.A. 22 ta' Gunju 1995), **"Janet Portelli vs Victor Portelli"** (P.A. 14 t'Awissu 1995) u **"Carmel sive Charles Camilleri vs Teresa Camilleri"** (P.A. 3 t'Ottubru 1995) gie spjegat li r-relazzjoni bejn il-vjolenza morali (a differenza ta' dik fizika, li fil-kaz in dizamina certament ma kenitx tezisti) u l-biza' hija wahda ta' kawza u effett.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Rosanne Cassar vs Kenneth Cassar"** (P.A. 19 t'Ottubru 1998) il-Qorti qalet hekk:-

*" …. Biex jista' jinghad li l-kunsens ikun ivvizjat bil-biza' fis-sens tal-ligi taghna, jehtieg li dik il-biza' tkun tali li mhux biss <u>akkompanjat</u> il-kunsens izda <u>ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens.</u> Fi kliem iehor il-biza' trid tkun, fil-kaz konkret, ta' certu portata b'mod li tkun tista' tiddetermina kompletament l-ghoti ta' dak il-*

*kunsens. Il-kunsens matrimonjali jkun inghata minhabba l-biza' u mhux minkejja dik il-biza' ".* (sottolinear tal-Qorti).

Illi naturalment biex wiehed jara jekk tezistix din il-biza', jridu jigu ezaminati l-fatti u c-cirkostanzi kollha, sew dawk li precedew iz-zwieg kif ukoll dawk vicin u aktar qrib id-data taz-zwieg. Fis-sentenzi hawn fuq citati nghad li l-vjolenza morali jew biza' in dizamina jrid ikollha kawza esterna ghall-persuna li tkun qed tissubixxi dik il-vjolenza jew biza'.

Illi abbazi ta' dawn il-principji, nkluzi dawk aktar 'il fuq esposti mill-kumpless tal-provi din il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li l-attrici resqet ghaz-zwieg u tat il-kunsens taghha minhabba l-biza' kbira li kellha mill-genituri taghha, specjalment minn missierha, meta hija harget tqila.

Illi f'dan il-kuntest jinghad li apparti l-fatt li l-attrici tghid li hija kellha pressjoni fenomenali sabiex tizzewweg lill-konvenut, u apparti l-eta' tenera tal-attrici fil-mument li hija harget tqila, li ovvjament irrendietha aktar succettibbli ghall- vjolenza morali ezercitata mill-genituri taghha, din il-Qorti taghti mportanza sostanazjali ghal dak li qalet omm l-attrici dwar il-pressjoni ezercitata minnha u minn zewgha.

Illi fil-fatt din ix-xhud irribadiet li l-attrici ma kellha ebda alternattiva hlief li tobdi x-xewqa taghhom bhala genituri, li dawn tal-ahhar gieghluha tizzewweg, u li huma hadu r-riedni f'idejhom. Jidher ghalhekk li l-genituri tal-attrici ma hallewlha ebda ghazla, imma mponew il-volonta' taghhom fuqha b'mod tali li hija ma kellha ebda alternattiva ohra hlief li toqghod ghal dak li kienu qeghdin jippreparaw ghaliha, u cjoe' iz-zwieg. F'dan il-kaz jista' certament jinghad li l-pressjoni ezercitata mill-genituri tal-attrici kienet tali li nisslet biza' kbira fl-attrici u li kienet tammonta ghal biza' rrezistibbli li ddeterminat kompletament l-ghoti tal-kunsens tal-attrici.

Illi ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fit-12 ta' Ottubru 1978 ghandu jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* tas-**sub-inciz**

**(a) u (d) tal-artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-12 t'Ottubru 1978 huwa null u bla effett *ai* finijiet kollha tal-ligi u senjatament abbazi tal-**artikolu 19 (1) (a) u (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------